KARLU

Nistagħġeb kif ħaġa bħal din setgħet tgħaddilek minn rasek; għax jekk hemm xi ħadd li sejjer ibati, dan ix-xi ħadd huwa jien u jien biss. Inti se tkun maġenb ibnek. Jista' jkun li iżjed 'il quddiem għad jgħaddilek minn rasek li tmur tingħaqad...... ma' sieħbek. Inti għall-anqas għandek is-soddisfazzjon li x'imkien fid-dinja (*iżomm ruħu kemm jista' kalm*) jeżisti xi ħadd li jħobbok...... u li inti tħobb...... fil-waqt li jien qed nikkundanna lili nnifsi biex ingħix waħdi 'l bogħod minn ibni, u dan kollu mħabba fik.

MARIJA

Imħabba fija?!

KARLU

Dan żgur. Jeħtieġ li wieħed biss joqgħod igħix ħdejn Ġulju, u dan il-post jistħoqq lilek, bħala ommu. Jiena ma nistax narġa' nibda ħajti mill-ġdid. Lin-nies nissokta nurihom dak li mhux u nibqa' ngħix u nittama dak li ma jista' jasal qatt. Nibqa' nistenna.

MARIJA

Tibqa' tistenna?

KARLU

(*Sogħbien għal darba*) Le, le. X'inhu għaddej minn rasek? Qed taħseb forsi li se nibqa' nistenna...... xi kelma minn għandek. Jien nafek wisq tajjeb, jien u int magħġunin bl-istess għaġina. F'din id-dinja l-ġamra ta' l-imħabba darba waħda tixgħel. U l-hena tiegħi twieldet snin ilu, meta żżewwiġtek. L-hena tiegħek twieldet issa u se tibda taħkem fik minn għada 'l quddiem...... Kollox spiċċa bejnietna. (*Għajjien, bla saħħa, sogħbien, kważi jitkaxkar, joħroġ mil-lemin.*)

MARIJA

(*Tibqa' wieqfa għal ftit, tmur bil-mod lejn ix-xellug, ħarsitha mitlufa u fil-vojt, miexja qisha makna.*) Il-hena tiegħi twieldet issa...... se tibda taħdem fija minn għada 'l quddiem...... (*toħroġ; sikta tal-mewt li fiha ma jinstamax ħlief it-tektik tal-pendlu.*)

**SIPARJU BIL-QAJLA.**



Minn fommna, minn qalbna, minn ruħna,
bħal qabel, hekk issa, għal dejjem,
dit-talba, jekk iżjed bil-ħrara,
nagħmlulek b'dirgħajna miftuħa...

Berikna, għażiża, qaddisa:
Mis-Sema fejn qiegħda jismagħha
l-Mulej dik il-barka u fuq nislek
iroxxha bħal manna mixtieqa...

Fid-dmugħ ta' dal-Wied it-talb tagħna,
inwiegħdu bil-qawwa ta' qalbna
għalik ma jonqosx qatt u qatt!

---

## MIT-TIEQA TA' KAMARTI

*Ta'* V. UNGARO

Waħdi magħluq, nishar il-lejl f'kamarti
Ngħarrex 'il fuq fil-kobor tas-smewwiet;
Seħer ta' dawl u dija jhennu 'l ħarsti
Mitlufa wara l-ġmiel tas-sharijiet.

Naqbad f'idejja l-pinna, inħarbex fuq il-karti;
Nisraq mill-kwiekeb sbieħ l-oħla ħlewwiet,
Illewwen kwadri jisbqu l-akbar arti
U fommi jfawwar bl-għaxqa tal-għanjiet.

Il-qamar jarmi d-dawl musfar fiddieni,
Il-kwiekeb jiżfnu dwaru kollha rżina
U s-sema ħiemed nir b'wiċċu daħkan.

Nara f'kull lejla f'ħin is-skiet sewdieni
Jilbes is-sema lbies ta' l-akbar żina
U jaħkem kullimkien b'xettru setgħan.

5. 8. 49.